# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it-30 ta' Novembru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 62/2022 CL

**Gordon's Moto Dealer Limited (C31490)**

**VERSUS**

**Giuseppe Schepis (KI nru 213201A)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Marzu 2022 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi ikkundanat jhallas is-somma ta' erbat elef tlett mija u erba' euro u sitta u disghin centezmu (€4,304.96), ammont rapprezentanti l-bilanc pendenti u minnu dovut in konnessjoni mal-bejgh lilu ta' mutur ta' l-ghamla BMW u mudell GS1200, bin-numru ta' registrazzjoni ICF 227, fl-5 ta' Ottubru 2019, hekk kif jirrizulta minn Dok GMD1. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 484/2021 prezentata fl-4 ta' Marzu 2021, u bl-imghaxijiet legali minn Dicembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ra l-atti processwali kollha.

Fid-19 ta' Ottubru 2022, xehed Gordon Micallef, fejn ikkonferma li huwa Direttur Generali ta' Gordon's Moto Centre u Giuseppe Schepis kien akkwista mutur BMW GS1200 bil-*hire purchase* u kellu jaghmel pagament ta' €398 fix-xahar. Schepis ghamel xi seba' pagamenti u wara l-ahhar tal-2020 ma hallas xejn aktar. Kienu bghatulu ittra ufficjali izda l-konvenut qatt m'ghamel kuntatt. L-ammont ta' €4,304.96 kif jidher mill-fattura a foll.4 tal-process kien ghadu dovut.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu,

daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, il-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex isseh kontestazzjoni tal-pretiza socjeta attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenut ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2022. Mid-dokumenti li gew ipprezentati kif ukoll ix-xhieda ta' Gordon Micallef it-Tribunal jara li s-socjeta attrici irnexielha tipprova t-talba taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef tlett mija u erba' euro u sitta u disghin centezmu (€4,304.96), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-4 ta' Marzu 2021[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1]Data tal-ittra ufficjali 484/2021